MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta 14 ta' Lulju, 2021

Appell Inferjuri Numru 3/2021LM

**Maria k/a Angelica Silvio (K.I. numru 576589M)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat id-**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem 'id-Direttur Ġenerali appellant'] mid-deċiżjoni mogħtija fit-13 ta' Jannar, 2021, numru 018/21 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mill-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-

Arbitru’], li permezz tagħha ddeċieda li jilqa’ l-appell tar-rikorrenti **Maria magħrufa bħala Angelica Silvio (K.I. nru 576589M)** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellata’].

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenereali appellant tad-19 ta’ Settembru, 2019 [minn issa ’l quddiem ‘id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant’] li l-appellata kienet tħallset żejjed is-somma ta’ €246.72 fl-*Allowance* tat-Tfal għall-perijodu bejn l-14 ta’ Settembru, 2019 u t-3 ta’ Jannar, 2020, wara li kien ġie stabbilit li b’effett mill-11 ta’ Settembru, 2019 hija ma kinitx qiegħda tifforma familja għal rasha. Għalhekk id-Direttur Ġenerali appellant avża lill-appellata permezz tad-deċiżjoni tiegħu, li hija kienet ser tibda tirċievi l-*Allowance* tat-Tfal bir-rata minima ta’ €8.66 fil-ġimgħa għal kull wild, sakemm l-istess appellata tirregolarizza ruħha billi tinforma lid-Dipartiment dwar fejn u ma’ min hija kienet qiegħda toqgħod.

**Mertu**

3. L-appellata istitwiet proċeduri ta’ appell quddiem l-Arbitru fil-15 ta’ Ottubru, 2019, fejn ikkontestat id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant, kemm fir-rigward tal-mod li kienet redatta dik id-deċiżjoni, kif ukoll fil-mertu fejn ikkontendiet li hija kienet qiegħda tgħix għal rasha flimkien ma’ bintha ta’ 9 snin li kienet tgħajjixha hija stess. Min-naħa tiegħu d-Direttur Ġenerali

appellant wieġeb fit-2 ta' April, 2020, fejn spjega li fuq spezzjoni tal-ispetturi tad-Direttorat għall-Osservanza ta' Benefiċċji fil-11 ta' Settembru, 2019, kien ġie stabbilit li l-appellata kienet qiegħda tabita mas-sieħeb tagħha u għalhekk id-deċiżjoni tiegħu kienet ġustifikata u skont il-liġi, u għaldaqstant kien jistħoqqilha konferma.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

4. L-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi d-dipartiment qed iserraħ it-teżi tiegħu fuq rapport preżentat minn Caroline Muscat li mexxiet l-investigazzjoni u preżentat rapport dwar il-każ. L-Arbitru b'dispjaċir jinnota illi l-mod kif ġie eżercitat l-inkarigu tal-Ispettur f'dan il-każ huwa wieħed dilettantesk għall-aħħar.*
>
> *L-Ispetturi marru darba waħda biss f'dan il-post fis-6.55 ta' filgħodu. Illi wieħed kien jistenna illi almenu l-abitazzjoni tkun sorveljata u l-visti jsiru f'iżjed minn okkażjoni waħda. Illi l-appellanti ndikat lill-Ispetturi minn kien is-sieħeb tagħha. Illi wieħed kien jistenna li minn tal-anqas, Jason Pace kellu jiġi mitkellem, jekk mhux ukoll li ssir spezzjoni fir-residenza tiegħu, sabiex jiġi vverifikat jekk hemmx effetti personali li jindikaw li persuna tkun qed tgħix regolarment f'dak il-post. Mill-banda l-oħra l-appellanti u Jason Pace taw verżjoni li taqbel bejniethom, anke jekk il-kwistjoni tas-separazzjoni tal-appellanti tidher li sallum għadha mhix sorvolata għall-aħħar. Illi rinfaċċat b'rapport nieqes minn kull forma ta' dettall, l-Arbitru ma jistax ħlief li jistrieħ fuq il-verżjoni tal-appellanti. Lil hinn minn dan il-każ, l-Arbitru jerġa' jisħaqq illi fir-rapport tagħhom, l-Ispetturi għandhom ikellmu jew aħjar jintervistaw lil kull persuna li tissemma. In oltre, minkejja diffikultà ta' riżorsi, idealment ir-residenzi għandhom jiġu visitati f'aktar minn okkażjoni waħda u mhux kif seħħ f'dan il-każ.*
>
> *Fiċ-ċirkostanzi, dan l-appell għandu jiġi milqugħ."*

## L-Appell

5. Id-Direttur Ġenerali appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fil-25 ta' Frar, 2021 fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni appellata u konsegwentement tikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tal-24 ta' Settembru, 2019. Jissottometti li l-aggravji tiegħu huma dawn: (i) l-Arbitru għamel apprezzament ħażin tal-provi; u (ii) l-Arbitru naqas li japplika sew il-liġi.

6. L-appellata għażlet li ma tweġibx.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

7. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tad-Direttur Ġenerali appellant, u dan filwaqt li tqis ukoll l-osservazzjonijiet tal-Arbitru kif jirriżultaw fid-deċiżjoni appellata.

8. Id-Direttur Ġenerali appellant qabelxejn jirrileva li huwa konsapevoli sew li din il-Qorti bħala qorti tal-appell, m'għandhiex il-kompetenza li tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi. Imma filwaqt li jiċċita diversi sentenzi ta' din il-Qorti kif diversament ippreseduta, in sostenn tal-argument tiegħu, id-Direttur Ġenerali appellant jissottometti li fid-deċiżjoni tiegħu l-Arbitru kien għalkollox errat, u għalhekk din kienet ir-raġuni għaliex huwa kien qed jinterponi l-appell odjern. Jgħid li minkejja li kien jirriżulta b'mod sfaċċat mill-atti li l-appellata ma kinitx qiegħda tifforma familja għal rasha fir-residenza tagħha, l-Arbitru (i) naqas li jagħmel evalwazzjoni xierqa tal-provi, b'mod partikolari d-dikjarazzjonijiet li għamlu l-appellata u s-sieħeb tagħha Jason

Pace; (ii) naqas li jagħti valur probatorju lir-rapport tal-ispetturi u l-importanza li kienet tixraqlu; (iii) naqas li jieħu kont tas-sejbien ta' ċertu ħwejjeġ fir-residenza tal-appellata waqt spezzjoni, filwaqt li naqas ukoll li jagħti każ tal-interpretazzjoni li l-Qrati tagħna taw fir-rigward. Minn hawn id-Direttur Ġenerali appellat jgħaddi sabiex jiċċita s-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Diane Dimech *vs.* Direttur tas-Sigurtà Soċjali** tas-6 ta' Ottubru, 2010 rilevanti għall-argumenti tiegħu, filwaqt li jirrileva li l-Qorti hemmhekk għażlet li ma temminx lill-benefiċċjarja meta qalet li s-sieħeb tagħha kien jorqod għandha kultant. Ikompli jgħid li fatt jista' jiġi ppruvat kemm b'mezzi diretti u wkoll b'mezzi indiretti, u dan filwaqt li jirrileva liema kienu l-provi diretti u dawk indiretti fil-proċeduri odjerni u kif is-sejbien ta' par *safety shoes* miksi bit-tajn, li kien tas-sieħeb tagħha Jason Pace, kien jikkostitwixxi prova indiretta tal-fatt li huwa kien jgħix magħha. Jissottometti li dan kien saħansitra juri li l-verżjonijiet tal-appellata u tas-sieħeb tagħha ma kellhomx mis-sewwa. In sostenn tal-argument tiegħu, id-Direttur Ġenerali appellant jiċċita silta mis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, mogħtija fil-25 ta' Frar, 2015 fl-ismijiet **Sephora Mifsud *vs.* Direttur tas-Sigurtà Soċjali**, filwaqt li jirrileva li l-fatti ta' dawk il-proċeduri huma identiċi għal dawk odjerni. Għall-istess raġuni huwa jiċċita silta minn sentenza oħra ta' din il-Qorti, għal darb'oħra kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Doris Zammit *vs.* Direttur tas-Sigurtà Soċjali** tal-24 ta' Frar, 2016. Jirrileva li minn dak li qalu l-ispetturi, l-ammont ta' ħwejjeġ maskili fir-residenza tal-appellata kien pjuttost konsiderevoli u fid-dawl tas-sentenzi ċitati, dan il-fatt kien ixejjen kwalunkwe spjegazzjoni li setgħet tat l-appellata u s-sieħeb tagħha. Id-Direttur Ġenerali appellant ikompli jgħid li għall-kuntrarju ta' dak li qal l-Arbitru, ir-rapport tal-

ispetturi kien twil saħansitra għaxar paġni, fejn kien ġie spjegat fid-dettall sew dak li kien seħħ waqt l-ispezzjoni tal-11 ta' Settembru, 2019. Anki l-osservazzjoni tal-Arbitru li l-imsemmija spetturi kienu marru darba waħda biss, ma kinitx korretta, għaliex huma kienu marru wkoll darbtejn qabel fejn ħadd ma kien wieġeb. Jissottometti li wara kollox ir-rakkomandazzjoni tal-Arbitru li l-ispetturi kellhom imorru fir-residenzi aktar minn darba, kienet ġiet riċentement imwarrba minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Lilian Fenech *vs.* Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** deċiża fis-16 ta' Diċembru, 2020. Jirrileva li fil-każ odjern, l-appellata kienet reċidiva għaliex din kienet it-tielet spezzjoni fejn instabu l-ħwejjeġ ta' sess maskili, li l-appellata stess attribwit lil Jason Pace. B'hekk fis-sena 2016, l-Għajnuna Soċjali tagħha kienet twaqqfitilha, imma l-Arbitru naqas li jieħu kont ta' dan kollu. Id-Direttur Ġenerali appellant jirrileva wkoll li filwaqt li l-Arbitru qal li l-ispetturi kienu naqsu milli jkellmu lil sieħeb l-appellata Jason Pace, dan tal-aħħar kien ammetta waqt ix-xhieda tiegħu tal-20 ta' Novembru, 2020 li huwa kien imur joqgħod għand l-appellata fi tmiem il-ġimgħa. Dwar l-isfond legali tad-deċiżjoni tiegħu, id-Direttur Ġenerali appellat jirrileva li skont is-subartikolu (6) tal-artikolu 30 tal-Kap. 318, ir-rekwiżit sabiex persuna tirċievi l-Għajnuna Soċjali kien li din kellha tkun il-kap tal-familja. Jikkontendi li anki skont il-para. (b) tas-subartikolu 97(1) tal-istess liġi, dik il-persuna kienet tenuta tinforma lid-Dipartiment jekk jinbidlu ċ-ċirkostanzi, u dan kienet saħansitra ffirmat għalih l-appellata fl-applikazzjoni tagħha. Għalhekk l-appellata kienet tenuta tinforma lid-Dipartiment li hija kienet qiegħda tgħix flimkien ma' Jason Pace u li kienet qiegħda tifforma familja miegħu. Jirrileva li dwar din il-kwistjoni l-Qorti dejjem irriteniet li għandhom jiġu meqjusa għadd ta' prinċipji fundamentali: (a) il-

preżunzjoni taħt l-artikolu 2 tal-Kap. 318 ma kinitx waħda assoluta jew *jure et de jure;* (b) kollox kien jiddependi mill-fattispecie tal-każ partikolari; (ċ) l-evalwazzjoni tal-fattispeċji tal-każ għandha tkun rimessa għal liberu konvinċiment ta' min huwa msejjaħ jieħu deċiżjoni; (d) kull min jista' jkun affettwat bl-imsemmija deċiżjoni huwa tenut li joffri spjegazzjoni plawsibbli għas-sodisfazzjoni tad-Direttur Ġenerali jew tal-Arbitru. Fil-każ odjern, peress li l-appellata ma setgħetx tiġi meqjusa bħala l-kap tal-familja tagħha, u dan peress li s-sieħeb tagħha kellu impjieg, id-Direttur Ġenerali appellat jgħid li huwa kien mexa b'mod ekwu skont il-liġi u talab li ssir rifużjoni tal-ammont li tħallas. Id-Direttur Ġenerali appellat jissottometti li l-Arbitru għall-kuntrarju ma mexiex skont il-liġi, iżda għamel apprezzament ħażin tal-liġi u anki tal-provi miġjuba quddiemu. Jispjega li għal dak li jirrigwarda l-*Allowance* tat-Tfal, l-appellata kienet ġiet meqjusa mid-Dipartiment li ma kellhiex introjtu peress li kienet qiegħda tirċievi l-Għajnuna Soċjali, u f'dak il-każ il-liġi kienet tipprovdi għal rata ogħla tal-imsemmija *Allowance.* Għalhekk kienet proprju dik ir-rata ogħla li kienet qiegħda tintalab rifużjoni tagħha. Jagħlaq billi jirrileva li l-Arbitru naqas ukoll milli japplika l-prinċipji ta' ekwità u ġustizzja skont l-obbligu li kellu *ai termini* tas-subartikolu 108(9) tal-Kap. 318.

9. Il-Qorti tgħid li l-Arbitru ddeċieda ħażin u tagħraf li s-sottomissjonijiet tad-Direttur Ġenerali appellant kif magħmula fir-rikors tal-appell tiegħu, huma kollha rilevanti u jxejnu il-konsiderazzjonijiet kif magħmula mill-imsemmi Arbitru. Tibda billi tikkonsidra r-rapport investigattiv kunfidenzjali tal-ispetturi, li kopja tiegħu ġiet esebita mill-ispettur Caroline Muscat waqt is-seduta tat-2 ta' Ottubru, 2020 quddiem l-Arbitru. Għall-kuntrarju ta' dak li osserva l-

Arbitru, dan ir-rapport juri li l-mawra tal-ispetturi u r-rapport li sussegwentement dawn ħejjew, ma sarux b'mod *"dilettantesk"* għaliex l-osservazzjonijiet dettaljati u l-argumenti mirquma, huma xhieda qawwija tal-oppost. Tosserva li l-każ infetaħ wara li d-Dipartiment irċieva rapport anonimu permezz ta' telefonata, fejn dan ġie mgħarraf li l-appellata kienet qiegħda tgħix mas-sieħeb tagħha fl-indirizz "Ever United", Triq il-Qanpiena, Birkirkara, u f'każ ta' spezzjoni, dan kien joħroġ mill-garaxx li kien bieb ma' bieb mar-residenza tagħha. Minn hemm jidher li l-ispettorat għamel tfittxija fuq il-*Common Data Base (CDB)* sabiex stabbilixxa li l-appellata kienet l-unika persuna reġistrata fuq dak l-indirizz, u anki tfittxija fis-Sistema Amministrattiva Benefiċċji Soċjali (SABS), minn fejn irriżulta li l-appellata kienet intitolata għall-benefiċċju għaliex kienet tikkostitwixxi *household* flimkien ma' bintha Mariaemma Silvio ta' 10 snin. B'hekk ukoll ġie kkonfermat min kien il-missier, li skont il-*Jobsplus* ma kellux impjieg miftuħ, Iżda lanqas irriżulta li kien benefiċċjarju tad-Dipartiment.

10. Jirriżulta li kuntrarjament għal dak li qal l-Arbitru, l-ispetturi wettqu tliet żjarat, fejn it-tielet zjara kienet proprju dik tal-11 ta' Settembru, 2019 fis-6.55 ta' filgħodu. Dakinhar l-ispetturi aċċedew fid-dar tal-appellata wara li huma kienu ħabbtu fuq il-bieb ta' barra, u dan wara li stennew ftit minuti hekk kif huma kienu ċemplu fuq numru li sabu minn fuq is-sistema SABS, u l-appellata qaltilhom li ser tiftħilhom. Fl-ewwel darbtejn li l-ispetturi kienu aċċedew, jirriżulta mill-istess rapport li ħadd ma kien wieġeb. Waqt it-tielet żjara, l-ispetturi qalu lill-appellata li huma riedu jwettqu spezzjoni, u din mill-ewwel infurmathom li *"meta t-tifla tkun għand missierha, jorqod hawn il-*partner

*tiegħi. Jien kont staqsejthom il-Labour Office jekk jistax jorqod hawn u qaluli basta ma joqgħodx miegħek b'mod regolari"*. B'hekk mill-ewwel l-ispetturi kellhom prova permezz ta' dikjarazzjoni tal-appellata stess, li terza persuna tas-sess maskili kienet qiegħda tabita fl-istess dar almenu b'mod irregolari. Imma meta huma daħlu fil-kamra tas-sodda fejn l-appellata ddikjarat li kienet torqod, u talbuha sabiex jaraw x'kien hemm fl-għamara, sabu li fin-naħa tax-xellug tal-gwardarobba kien hemm biss ħwejjeġ ta' persuna adulta tas-sess maskili, u li kienu jkopru l-istaġuni kollha tas-sena. Għalhekk huma waslu għall-konklużjoni xierqa li dik il-persuna kienet qiegħda tgħix hemmhekk b'mod permanenti u regolari. Dan setgħu jgħiduh ukoll għaliex ma kienx possibbli għalihom li jaslu biex jikkwantifikaw il-ħwejjeġ li nstabu fil-gwardarobba, osservazjoni ferm ġusta fiċ-ċirkostanzi. Imbagħad fil-kxaxen tal-gradenza l-ispetturi sabu kexxun mimli sew b'ħwejjeġ ta' taħt tax-xeħta maskili, osservazzjoni oħra tassew rilevanti sabiex jiġi stabbilit jekk persuna tgħix b'mod regolari jew le f'dar ta' residenza. Min-naħa tagħha l-appellata kkonfermat magħhom li dawn kienu tas-sieħeb tagħha Jason Pace, li kien jaħdem fil-kostruzzjoni. Aktar tard meta l-appellata tat lill-ispetturi aċċess għal kamra li kienet tintuża bħala *boxroom,* instab li kien hemm ammont konsiderevoli ta' żraben u kaxxi taż-żraben, u hemmhekk l-appellata qabdet *safety shoes* kollu tajn u qaltilhom *"ħa, jekk tridu armuh, dan ħallieh hawn".*

11. Il-Qorti tgħid li fid-dawl ta' dak li ġie kkostatat mill-ispetturi, ma kinux ikunu korretti u ġusti li kieku waslu għal konklużjoni mod ieħor. Tgħid li l-provi kollha juru li x-xhieda tal-appellata u tas-sieħeb tagħha Jason Pace, kif mogħtija fis-seduta tal-20 ta' Novembru, 2020 miżmuma mill-Arbitru, ma

kinux qegħdin daqstant jirriflettu ċ-ċirkostanzi vera tagħhom, u għalhekk l-appellata ma setgħetx tkompli tibbenefika mill-Għajnuna Soċjali li jipprovdu għalih id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 30 tal-Kap. 318, b'applikazzjoni tad-definizzjoni ta' "familja" u ta' "kap ta' familja" kif mogħtija mill-artikolu 2 tal-istess Att. Kif jirrileva d-Direttur Ġenerali appellant, ġaladarba l-appellata ma kinitx aktar intitolata għall-istess Għajnuna Soċjali, l-*Allowance* tat-Tfal kellha titħallas lilha bir-rata minima u fissa ta' €8.65 fil-ġimgħa skont kif tipprovdi t-Taqsima VI tal-Erbatax-il Skeda tal-Att.

12. Il-Qorti żżid tgħid li jidher li dawn l-istess ċirkostanzi ma baqgħux aktar mistura dan l-aħħar, sabiex b'hekk ġie kkonfermat dak li kkostataw l-ispetturi. Dan il-Qorti tgħidu għaliex l-istess Jason Pace xehed ukoll li huwa kien ilu jaf lill-appellata għal dawk l-aħħar disa' snin. Kompla jgħid li llum l-appellata ma kinitx għadha toqgħod fl-istess fond, iżda huma kienu qegħdin jgħixu flimkien u dan minn Mejju 2020, u spjega li r-raġel tagħha llum il-ġurnata kien jaf bir-relazzjoni ta' bejniethom. Għalhekk iddikjara ma kienx hemm aktar skop li jaħbu r-relazzjoni ta' bejniethom.

13. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib l-aggravji tad-Direttur Ġenerali appellant ġustifikati u tilqagħhom.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tad-Direttur Ġenerali appellant billi tilqgħu, filwaqt li tħassar id-deċiżjoni appellata u**

**tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tal-24 ta' Settembru, 2019.**

**L-ispejjeż marbuta mal-proċeduri quddiem l-Arbitru, kif ukoll dawk ta' din l-istanza, għandhom jitħallsu mill-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**